**Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri**

Portugall

**L-Artikolu 67 (a)**

L-Awtorità Ċentrali nnominata skont l-Artikolu 53 hija d-dipartiment governattiv li ġej:

**DGRSP - Id-Direttorat Ġenerali għar-Riabilitazzjoni u s-Servizzi tal-Ħabs (*Direcção-Geral de Reinserção e Serviços Prisionais*)**

Id-Dipartiment tal-Assistenza Ġuridika u tat-Tilwim (*Gabinete Jurídico e Contencioso*)

Travessa da Cruz do Torel, nº 1

1133-001 Lisbon

Tel.: +351 218812200

Faks: +351 218853653

E-mail: gjc@dgrsp.mj.pt

**L-Artikolu 67 (b)**

Skont l-Artikolu 57(2), il-lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni mal-Awtorità Ċentrali huma l-Portugiż, l-Ingliż u l-Franċiż.

**L-Artikolu 67 (c)**

Il-lingwi aċċettati għaċ-ċertifikat li jikkonċernaw id-drittijiet ta' aċċess u r-ritorn ta' tfal skont l-Artikolu 45(2) huma **l-Portugiż u l-Ingliż**.

**L-Artikoli 21 u 29**

Għall-każijiet imsemmija fl-Artikoli 21 u 29, il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni hija:

- it-**Taqsima tal-Familja u l-Minuri** (*Juízo de Família e Menores*); jew, jekk ma jkunx hemm:
- it-**Taqsima Ċivili Lokali** (*Juízo Local Cível*), jekk ikun hemm, jew it-**Taqsima Ġenerali Lokali** (*Juízo Local de Competência Genérica*).

**L-Artikolu 33**

L-appelli stipulati fl-Artikolu 33 iridu jiġu ppreżentati fil-**Qorti tal-Appell** (*Tribunal da Relação*).

**L-Artikolu 34**

Għall-finijiet tal-Artikolu 34 tar-Regolament, huwa possibbli biss li jiġi ppreżentat **appell fuq punt tad-dritt** u dan irid jiġi ppreżentat fil-**Qorti tal-Ġustizzja Suprema** *(Supremo Tribunal de Justiça).*

L-aħħar aġġornament: 09/08/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.